MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. DEMICOLI AUDREY

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 283/2002/1

**Avviz Numru 28302 AJD**
**Nazzareno Ellul Bonnici**

**vs**

**Fabio Falzon**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Frar, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' elf, mija u seba' u sittin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1,167.50) rapprezentanti danni kawzati fil-vettura tal-attur meta fit-2 ta' Dicembru 2001 fi Triq in-Naxxar, B'Kara, l-konvenut li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAJ 667 habat fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni REB 323 propjeta' tal-attur liema vettura kienet parkeggjata u dan prevja dikjarazzjoni li din il-kollizjoni grat unikament minhabba negligenza, mperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da part ital-konvenut.

Bl-ispejjes u bl-imghax kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u ma prezentax risposta fir-rigward.

Sema’ x-xhieda tal-attur li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ elf, mija u seba’ u sittin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1,167.50), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**